MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 73/2010

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Glaxo Group Limited.**

**vs.**

**Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li b'digriet tat-23 ta' April 2010 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta` esportatrici Zolin International Trading (Shenzhen) Co., Ltd u lill-kunsinjatarju Tasharukiat Rowad El Asr.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech bil-karta tal-identita` numru 67468M bhala mandatarju specjali tas-

socjeta` estera Glaxo Group Limited datat 26 ta’ Jannar 2010 a fol. 1 tal-process fejn ippremetta: -

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Glaxo Group Limited ta’ 980, Great West Road, Brentford, TW89GS, l-Ingilterra, sabiex jirrapprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom.

Illi s-socjeta` rikorrenti hija l-proprjetarja tas-segwenti drittijiet: dak registrat fl-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta’ Malta msejjha ‘AQUAFRESH’, liema dritt gie registrat f’Malta fl-erbatax (14) ta’ Lulju 1998 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni 27038 (Dok. ‘GSK 1’); u dawk registrati bhala *Community Trademarks* u *Community Designs,* mal-*Office for Harmonization in the Internal Market* ta’ l-Unjoni Ewropea: il-kelma ‘AQUAFRESH’, liema dritt gie registrat l-ewwel darba fl-ghoxrin (20) ta’ April 2001 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 001144757 (Dok ‘GSK 2’) u l-istess kelma ‘AQUAFRESH’ li gie registrat it-tieni darba l-ewwel (1) ta’ Marzu 2005 u moghti n-numru ta’ registrazzjoni CTM 003254364 (Dok ‘GSK 3’).

Illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009) r-rikorrenti *nomine* gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru INBU 3794876 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM CARMEN liema vapur kien gej minn Yantian, Cina fi triqtu lejn Benghazi, Libya u l- *container* kien fih total ta’ sebat elef, sebgha mija u sitta u sebghin (7,776) *toothbrushes* (Dok ‘GSK 4’) kollha bil-marka ‘AQUAFRESH’, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intellewali.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta’ Glaxo Group Limited gewwa l-Germanja, fejn gie determinat li dawn it-*toothbrushes* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’

Glaxo Group Limited, u li l-imsemmija *trademarks* ta' Glaxo Group Limited riprodotti fuq l-istess *toothbrushes* kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali ta' Glaxo Group Limited u r-rapport tal-istess anness u mmarkat bhala Dok "GSK 5".

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex a tenur tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa` din it-talba li jinzammu dawn l-*toothbrushes*.

Illi din il-merkanzija inqabdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa Tasharukiat Rowad El Asr minn Benghazi, Libya u dan skont dak citat fil-polza ta' taghbija numru SHZ0902470 (Dok. "GSK 6").

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll tal-**artikolu 10 (2) (b) tal-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416)** u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijeit rilevanti tal-**artikoli 14 -19** tal-istess **Kap 416** u l-**artikoli 7** u **8** tal-istess **Kap. 414.**

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lis-socjetajiet intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'sebat elef, seba' mija u sitta u sebghin (7,776) *toothbrushes* imsemmija li fuqhom hemm il-marka 'AQUAFRESH', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru INBU 3794876 kontenenti l-imsemmija *toothbrushes*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet

ta' proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha 'AQUAFRESH' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 27038, CTM 001144757 u CTM 003254364 (Dok. "GSK 1", "GSK 2" u "GSK 3").

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali *toothbrushes* 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-*toothbrushes*, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *toothbrushes* ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *toothbrushes*.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol 3) u sitt dokumenti (6) li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "GSK 1" sa Dok. "GSK 6" kif jidhru a fol. 5 sa fol. 18 tal-process.

Rat id-digriet datat 23 ta' April 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati nidkati sabiex jidhru ghas-socjetajiet/entitajiet intimati.

Rat li dan ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Gunju 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dakinhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati

datata 26 ta’ Mejju 2010 a fol 36 tal-process fejn eccepew:-

1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ultrejuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentanta u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista’ ghandha dwar kull mezz ta’ komunikazzjoni mal- intimata, u dan jekk ghandha nformazzjoni ohra, *oltre* dik diga` provduta fir-rikors gurmanetat.

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol 36 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-17 ta’ Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Noel Bartolo bhala kuratur deputat li pprezenta nota b’dokumenti u nforma lill-Qorti li pprova jikkomunika mal-intimati izda b’esitu negattiv. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2010.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fit-28 ta’ Dicembru 2009 r-rikorrenti *nomine* gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru INBU 3794876 li dahal fit-22 ta’ Dicembru 2009 gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM CARMEN liema vapur kien gej minn Yantian, Cina fi triqtu lejn Benghazi, Libya u li l-*container* meta infetah mill-ufficjali tad-Dwana fl-24 ta’ Dicembru 2009 kien fih total ta’ sebat elef, sebgha mija u sitta u sebghin (7,776) *toothbrushes* (Dok "GSK 4") kollha bil-marka ‘AQUAFRESH’ u dan kollox kif jirrizulta mill-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius (fol. 39 sa 41), u li *prima*

*facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intelletwali tas-socjeta’ attrici bhala proprjetarja tal-istess marka fuq l-istess oggetti kollox kif indikat mid-Dok. "GSK 1" sa Dok. "GSK 3" annessi mar-rikors guramentat tas-socjeta’ rikorrenti.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta’ Glaxo Group Limited gewwa l-Germanja, gie determinat li dawn it-*toothbrushes* hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta’ Glaxo Group Limited, u li l-imsemmija *trademarks* ta’ Glaxo Group Limited riprodotti fuq l-istess *toothbrushes* kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali ta’ Glaxo Group Limited. Fil-fatt dan jinsab ikkonfermat mir-rapport datat 22 ta’ Jannar 2010 (Dok. “GSK 5”) u mix-xhieda l-ohra prodotti nkluzi dawk ta’ Dr. Peter Fenech (fol. 48).

Illi jirrizulta wkoll li s-socjetajiet intimati rispettivament huma dawk esportatrici u konsenjatarji tal-istess merkanzija kif jidher mill-polza ta’ karigu relattiva (Dok. “GSK 6”).

Illi b’hekk il-pretensjonijiet attrici gew ilkoll ipruvati u fil-fatt lanqas biss huma kontestati. Dwar spejjez ghad-distruzzjoni tal-istess oggetti dawn jinkludu dawk indikati fl-affidavit tal-ufficjal tad-Dwana George Agius datat 11 ta’ Gunju 2010 u allura tali spejjez huma inkorporati f’dik li hija t-tielet talba attrici.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’sebat elef, seba’ mija u sitta u sebghin (7,776) *toothbrushes* imsemmija li

fuqhom hemm il-marka ‘AQUAFRESH’, u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-*container* bin-numru INBU 3794876 kontenenti l-imsemmija *toothbrushes*, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-*trademarks* taghha ‘AQUAFRESH’ moghtija n-numru ta’ registrazzjoni 27038, CTM 001144757 u CTM 003254364 (Dok ‘GSK 1’, ‘GSK 2’ u ‘GSK 3’).

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza jiddistruggi dawn it-*toothbrushes*, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija *toothbrushes* ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta’ distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess *toothbrushes*, kif indikati f’din is-sentenza.

Bl-ispejjez kontra l-entitajiet/socjetajiet intimati b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------